# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 19 ta' April, 2016

**Talba Nru:** 30/16 DMA

**Brian Bailey**
**KI. 0032047(A)**

**Vs**

**Capece Construction Limited C 53626**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 ta' Jannar, 2016 fejn l-attur talab illi l-intimati, jew minn minnhom, ghandu jigu kkundanati jhallsu l-ammont globali ta' elf, hames mija u tmienja u tletin Ewro u tlieta u tmenin centezmu (€1,538.83), rapprezentanti arretrati ta' paga, beneficcji statutorji, allawances, kif ukoll vacation leave mhux utilizzat mill-attur, liema ammont globali huwa dovut lilu b'konsegwenza tat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu nhar l-ghaxra ta' Gunju, elfejn u erbatax (10.06.2014) liema terminazzjoni tirrizulta mill-formola relattiva prezentata lill-Korporazzjoni ghax-Xoghol u t-Tahrig, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. BB 1', liema ammont globali jinsab spjegat dettaljat fir-rendikont rilaxxat mid-Dipartiment tal-

Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bahala 'Dok. BB2', u liema ammont ma giex saldat minnhom minkejja diversi interpelazzjonijiet f'dan ir-rigward, kif ukoll diversi weghdiet ta' hlas, bil-konsegwenza illi kellha tigi adottata l-procedura.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' meta l-ammonti kostituttivi reklamati mill-attur saru dovuti lilu sad-data tal-pagament effettiv tal-ammont globali hawn reklamat fl-intier tieghu, kontra l-intimati, bl-ingunzjoni tal-intimati in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehru ghas-seduta tal-5 ta' April, 2016 u qas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mill-attur fis-seduta tal-5 ta' April, 2016 u filfatt is-socjeta' konvenut naqset li tidher sabiex tirrispondu ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi l-kawza qed tigi ceduta mill-attur kontra Marzio Filippo Capece Minutolo Del Sasso personalment, taqta' u tiddecidi l-kawza kontra s-socjeta' konvenuta Capece Construction Limited.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' elf, hames mija u tmienja u tletin Ewro u tlieta u tmenin centezmu (€1,538.83), bl-imghax legali mid-data ta' meta l-ammonti kostituttivi reklamati mill-attur saru dovuti lilu sad-data tal-pagament effettiv tal-ammont globali hawn reklamat fl-intier tieghu.

L-ispejjez, ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**